MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 316/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Nokia Corporation.**

**vs.**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal- 24 ta' Gunju 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti kunsinjatarju Al Zwetina Shipping Agency A/C North Africa Shipping**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bil-karta tal-identita' numru 67468M bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Nokia Corporation datat 6 ta' April 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta' Keilalahdentie 4, 02150 Espoo, Finland, sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta*'* Malta msejha 'NOKIA', liema dritt gie registrat f' Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok NC1 u NC2) kif ukoll tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea : (a) *community trademark* 'NOKIA', liema dritt gie registrat fit-3 ta' Jannar 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok 'NC 3').

Illi fid-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 9410240 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM MOLIERE liema vapur kien gej minn Chiwan Guangdon, Cina fi triqtu lejn El Khoms, Libya u l-*container* kien fih total ta' hamest elef mitejn u hamsin (5250) *mobile phone covers* (Dok 'NC 4') kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta' Nokia Corporation, fejn gie determinat li dawn l-*mobiles phone covers* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u li l-imsemmija *trademarks* ta' Nokia Corporation riprodotti fuq l-istess *mobiles phone covers* kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Nokia Corporation u r-rapport tal-istess ser jigi esebit fil-mori tal-kawza.

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa` din it-talba li jinzammu dawn *mobiles phone covers.*

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa Al Zwetina Shipping Agency a/c North Africa Shipping ta’ El Nasr St. Opposite to Protocol Ministry Al Khoms Libya u dan skont dak citat fil-polza ta’ taghbija numru GGZ0285534 (Dok ‘NC 5’).

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**, kif ukoll tal-**artikolu 10 (2) (b) ta’ l-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416)** u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijeit rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap 416** u l-**artikoli 7 u 8** ta’ l-istess **Kap 414**.

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta`/entita` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’hamest elef mitejn u hamsin (5,250) *mobile phone covers* imsemmija li fuqhom hemm l-marka ‘NOKIA’, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 9410240 kontenenti l-imsemmija *mobiles phone covers*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha ‘NOKIA’ moghtija n-numru ta’ registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok ‘NC 1’ u ‘NC 2’) u CTM 4035663 (Dok ‘NC 3’).

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali *mobiles phone covers* ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk *mobiles phone covers*, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *mobiles phone covers* ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta’ distruzzjoni nkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *mobiles phone covers*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3) u d-dokument esebiti kif jidhru a fol. 5 sa fol. 14 tal-process.

Rat id-digriet datat 24 ta’ Gunju 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati hemm indikati sabiex jidhru ghall-entita` intimati.

Rat li l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-30 ta’ Novembru 2010, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 4 ta’ Awwissu 2010 (fol. 31) fejn eccepew:-

1. Illi f’dan l-istadju huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza, izda jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta`

assenti minnhom rappresentata u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lr-rikorrenti jipprovdilhom l-indirizz u/jew numru tat-*telephone* u/jew *email address* tas-socjeta` intimata sabiex jkunu jistghu jikkomunikaw maghha.

Rat in-nota ta' Dr. Peter Fenech datata 8 ta' Ottubru 2010 a fol 33 tal-process li permess taghha pprezenta tliet dokumenti: Dok "NC 6" l-affidavit ta' Dr. Peter Fenech, Dok "NC 7" l-affidavit ta' George Agius (fol 35), u Dok "NC 8" rapport tas-socjeta` rikorrenti fuq *container* No ECMU 9410240 datata 22 ta' Settembru 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta' Novembru 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Sarah Galea ghas-socjeta` rikorrenti u Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur li pprezenta nota u rrimettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Jannar 2011.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 9410240 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM MOLIERE liema vapur kien gej minn Chiwan Guangdon, Cina fi triqtu lejn El Khoms, Libya u l-*container* kien fih total ta' hamest elef mitejn u hamsin (5250) *mobile phone covers* (Dok 'NC 4') kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali u dan ghaliex is-socjeta' attrici hija detentrici tal-marka "NOKIA" debitament registrati Malta bin-numri 33323 u 33324 (Dok. "NC 1" u "NC 2").

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta' Nokia Corporation, fejn gie determinat li dawn l-*mobiles phone covers* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u li l-imsemmija *trademarks* ta' Nokia Corporation riprodotti fuq l-istess *mobiles phone covers* kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Nokia Corporation.

Illi jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew lkoll ppruvati, lanqas huma biss kontestati, u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'hamest elef mitejn u hamsin (5,250) *mobile phone covers* imsemmija li fuqhom hemm l-marka 'NOKIA', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 9410240 kontenenti l-imsemmija *mobiles phone covers*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok 'NC 1' u 'NC 2') u CTM 4035663 (Dok 'NC 3').

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi minn tali *mobiles phone covers* fuq indikati li huma kontraffatti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba tar-

rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *mobiles phone covers* ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta’ distruzzjoni nkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *mobiles phone covers*.

Bl-ispejjez kontra l-entita`/socjeta` intimati b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------